MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 1043/2000/1

**Avviz Nru:- 1043/00**

**Alpha-Tex Enterprises Co. Ltd.**

**vs**

**Ray Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm792) rapprezentanti in kwantu ghal seba’ mitt lira Maltin (Lm700) kambjali datati 23 ta’ April, 1999 dovuti lilha fit-23 ta’ Jannar, 2000, fit-23 ta’ Frar, 2000, fit-23 ta’ Marzu 2000, fit-23 ta’ April 2000, fit-23 ta’ Mejju 2000, fit-23 ta’ Gunju 2000, fit-23 ta’ Lulju 2000, u in kwantu ghal tnejn u disghin lira Maltin (Lm92) bhala multi ghal kontravenzjonijiet tat-traffiku mhallsa mis-socjeta’ attrici b’tort tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Frar 2000 u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tallum il-konvenut prezenti fl-awla permezz tad-difensur tieghu pprezenta n-nota ta' ammisjoni.

Fuq ammissjoni l-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm792) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------